**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 172/20 CZ**

**Theresa Grech Cini**

**vs.**

**Gordon Joseph Borg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fit-28 ta' Lulju 2020, li biha premettiet:

Illi l-attrici silfet tlett'elef u hames mitt Euro (€3,500) brevi manu lill-konvenut liema flus kellhom jigu ritornati f'Lulju 2019.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijet, inkluz tramite ittra ufficcjali tat-2 ta' Lulju 2020 bin-numru ta' referenza 1220/2020, kopja hawn annwssa u mmarkata bhala

`Dokument A’, ir-rifuzjoni dovuta lil-attri baqghet qatt ma saret u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi dikjarat debitur ta-attrici fis-somma ta’ tlett’elef u hames mitt Euro (€3,500) oltre l-imghax legali mit-2 ta’ Lulju 2020 u konsegwentement ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici din it-tali somma oltre l-imghax legali mit-2 ta’ Lulju 2020, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-2 ta’ Lulju 2020 bin-numru ta’ referenza 1220/2020, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut imressqa fit-8 t’Ottubru 2020, li biha wiegeb:

a) L-ammont misluf kien anqas minn dak dikjarat;
b) Parti sostanzjali minnu giet rifuza u ghalhekk l-ammont reklamat mhux gust.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra l-affidavit tal-**<u>attrici</u>**[1], li qalet illi kellha relazzjoni mal-konvenut (bejn Settembru 2018 u Gunju/Lulju 2019) u kienet silfitu tlett’elef u hames mitt Euro (€3,500), li min-naha tieghu wieghdha li kien se jtihomlha lura wara zmien qasir, izda l-konvenut baqa’ qatt ma raddhom lura. Il-konvenut ammetta quddiem missier l-attrici, u quddiem certu Christian Caruana, li kellu jaghti lill-attrici. Dwar il-fatt li l-konvenut qed isostni li l-ammont misluf kien inqas, jew li l-konvenut raddilha lura

[1] Fol. 21

parti minnhom, l-attrici tghid illi l-konvenut kien iddikjara quddiem il-persuni fuq imsemmija li kellu jaghti lill-attrici tlett'elef u hames mitt Euro (€3,500). Il-konvenut baqa' ma hallas xejn lill-attrici.

Illi **Vince Cini**[2], missier l-attrici, xehed illi l-konvenut kien ammetta mieghu illi kellu jaghti tlett'elef u hames mitt Euro (€3,500) lill-attrici. Illi **Christian Caruana**[3] xehed illi hu sema' lill-konvenut jghid lil Vince Cini, missier l-attrici illi ried iwarrab it- tlett'elef u hames mitt Euro (€3,500) ta' l-attrici.

Illi l-**konvenut**[4] sostna illi l-attrici kienet silfitu tlett'elef Euro (€3,000). Minnhom dawn kien hallas lura lill-attrici s-somma ta erba' mija u hamsin Euro (€450), somma ohra ta' sitt mitt Euro (€600) u somma ohra ta' hames mitt Euro (€500).

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi f'din il-kawza l-attrici qed tallega li silfet lill-konvenut is-somma ta' tlett'elef u hames mitt Euro (€3,500) waqt li kienu ghadhom f'relazzjoni. Il-konvenut ma jichadx li kien hemm self, izda jghid li l-ammont kien inqas minn dak mitlub mill-attrici (€3,000), u li minnhom kien hallas lura b'kollox elf, hames mija u hamsin Euro (€1,550).

---

[2] Fol. 23
[3] Fol. 24
[4] Fol. 28

Illi t-Tribunal jidhirlu li din il-kawza prattikament tistrieh maggorment fuq il-kredibilita' tal-partijiet u tax-xiehda taghhom, u fuq l-apprezzament li dan it-Tribunal irid jaghmel tad-depozizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: *Joseph Tonna vs Philip Azzopardi* deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

> In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.
>
> b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;
>
> c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;
>
> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni

> ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost missentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju *Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco* – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

Illi f'din il-kawza l-konvenut ma jichadx li l-attrici silfitu l-flus, izda ma jaqbilx mal-ammont, u jghid ukoll illi hallas parti minnhom lura. L-attrici fil-fehma tat-Tribunal irnexxielha ggib il-prova illi fil-fatt siliftu s-somma minnha mitluba, u cioe' tlett'elef u hames mitt Euro (€3,500), u dan mhux tant bix-xiehda taghha nfisha, izda wkoll b'dik ta' missierha Vince Cini izda wkoll dik ta' terz, Christian Caruana, li xehdu li l-konvenut qal quddiemhom li kellu jaghti lill-attrici s-somma minnha mitluba f'din il-kawza. L-attur min-naha l-ohra, hlief ghall-affidavit tieghu innifsu, ma gab l-ebda prova illi l-ammont misluf kien inqas minn dak mitlub mill-attrici, jew li kien hallasha lura parti mill-ammont. It-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn l-attrici u x-xiehda taghha m'ghandhomx ikunu kredibbli – dawn kienu konsistenti f'dak li ntqal minnhom u l-ebda kontro-ezami ma sarilhom. L-attrici anke xehdet dwar il-provenjenza tal-flus li silfet lill-konvenut, u indikat x'kienet ir-raguni ghalfejn silfithomlu.

Illi t-Tribunal ghalhekk iqis illi t-talba tal-attrici timmerita li tintlaqa'.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet tal-attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett'elef u hames mitt Euro (€3,500), bl-imghax li ghandu jibda ghaddej mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez u drittijiet relattivi ghal din il-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur